MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru 708/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt Joseph Agius)**
**vs**
**Giuseppi Abdilla**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Giuseppi Abdilla** ta’ 50 sena, bin il-mejjet Nazzareno u Andreana nee’ Zammit, mwieled Zurrieq fil-5 ta’ Lulju, 1954, residenti f’ 16, Sqaq Isidorju, Zejtun u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 508554(M);

Talli fl-24 ta’ Marzu, 2001 u fiz-zmien ta’ qabel bhala d-detentur tal-fond bin-numru 16, Triq Isidorju, Zejtun bhala l-pesuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b’hekk

ikkommettejt serq ta' dawl ghad-dannu tal-korporazzjoni EneMalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

Talli fl-istess cirkostanzi ghamilt hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-30 t'Awissu, 2004, sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 278, 280, 281 u 325 tal-Kap 9.

Rat l-fedina penali ta' l-imputat.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sitt (6) xhur mil-lum u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------